## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Appell Nru. 472/2015**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Desira**

Illum 29 ta' April, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Mario Desira, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 572460M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-22 ta' Mejju 2014 u fi żminijiet ta' qabel ġewwa Triq il-Parroċċa, Qrendi b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti jkunu jiksru l-istess dispozzizjoni tal-liġi li jkun magħmula b'rizoluzzjoni waħda dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed imsejjaħ reat kontinwat gab ruħu b'mod li ta' fastidju lill-familja Curmi (Christopher Curmi, Gabriella Curmi, Gina Maria Curmi u Emanuel Curmi) u b'mod li kien jaf jew li jmissu kien jaf li dak kien ta' fastidju għal familja Curmi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-13 ta' Ottubru, 2015 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontrih u minflok inflīġġiet piena ordnat digriet taħt l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Desira, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Ottubru, 2015, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirrevoka** s-sentenza u billi tilliberah mill-akkuża [*recte:* imputazzjoni] miġjuba kontra tiegħu, jew alternattivament **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa ta' natura proċedurali u hu maqsum fi tnejn fejn fl-ewwel lok jillanja li l-proċedura hija nulla *ab initio* stante li l-prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi kwerela li biha intalbet li tinizzja kawza kontra tieghu. Fit-tieni lok, jattakka l-validita' tas-sentenza fuq il-premessa li l-ewwel Qorti naqset milli tistabilixxi t-

terminu ghall-Ordni ta' Protezzjoni kif jitlob l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali;

2. L-appellant ma ghandux ragun kwantu l-ewwel parti tal-ewwel gravam tieghu, igifieri li kienet mehtiega l-kwerela tal-parti sabiex il-pulizija tipprocedi kontra tieghu. Fejn il-ligi tirrikjedi li jkun hekk tghid espressament u l-artikolu 251A ma huwiex dipendenti fuq il-kwerela tal-parti kif jargumenta l-imputat. Naturalment il-Pulizija difficli li ssir taf b'cirkostanzi fejn persuna qieghda allegatament taghmel azzjoni ta' fastidju kontra persuna ohra u certament li mhix ser tiehu azzjoni sakemm ma tkunx taf x'inhu l-ilment u jekk il-parti tixtieqx tipprocedi. Fil-kaz odjern, izda, wara li l-imputat kien rraporta lill-parte civile, kien l-istess parte civile li ddecieda li ma kienx aktar accettabbli li jsirulu rapport wara l-iehor mill-imputat u ghalhekk talab li jinbdew proceduri kontra l-istess imputat. Illi ghalhekk ma hemm xejn null fl-procedura in dizamina;

3. Kwantu it-tieni lment inkorportat fl-ewwel gravam, igifieri li l-ewwel Qorti naqset milli tispecifika l-perjodu ghall-Ordni ta' Protezzjoni taht l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u li dan jirrendi s-sentenza nulla, l-appellant naqas li josserva l-effett in generali tal-applikazzjoni tal-istess artikolu u kkunsidrah bhala piena valida skond il-ligi ghajr ghan-nuqqas ta' terminu. Dan qed jinghad ghaliex ghal darb'ohra din il-Qorti ser ikollha tghaddi biex tannulla sentenza ohra minhabba karenza ta' formalita' essenzjali. Skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali meta qorti taghti sentenza ghandha

tghid il-fatti li dwarhom instabet htija, tindika dawk l-artikoli ta' htija u teroga l-piena skond il-ligi;

4. Fil-kaz odjern, ghall-darb'ohra l-ewwel Qorti ghazlet illi timponi l-ordni ta' protezzjoni u ddikjarat espressament illi dan qed isir "***minflok tinfliggi piena***". Huwa biss fejn il-ligi tiddisponi hekk li tista' ssir eccezzjoni ghall-imposizzjoni ta' piena bhal per ezemplari l-artikolu 383 (1) tal-Kodici Kriminali meta jipprovdi: "***Il-qorti tista', meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjooni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-qorti***". Mhux hekk biss, ghaliex l-artikolu 382A (1) kif vigenti fid data tas-sentenza lamentata, jiddisponi b'mod car illi l-qorti tista' taghmel ordni taht l-artikolu 412 "***flimkien ma' kull piena li tista' taghti lill-hati***";

5. Illi ghalhekk l-ewwel Qorti ma kienitx libera li timponi l-effetti tal-artikolu 412C minflok il-piena erogabbli u ghalhekk ippekkatt f'formalita' essenzjali meta naqset milli teroga dik il-piena kominabbli skond il-ligi. Ghalhekk qed tiddikjara s-sentenza nulla u bla effett;

6. Illi (a) "*meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita' li trid il-ligi taht piena ta' nullita', jew li tkun xort'ohra sostanzjali*" fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid " (b) l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred**

**Grech** [App Krim 10.09.07]); u (c) meta tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, jigifieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti (li f'dan il-kaz ma erogat l-ebda piena) u konsegwentement tista' zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995]);

7. Il-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontati huma li l-appellant Mario Desira kien ghamel rapport mal-Pulizija li l-familja Curmi kienet qed jiddisturbawh billi minn kmieni fl-erbgha ta' filghodu u ta' kuljum jaghtu daqqiet b'xi lasta fuq il-hajt u jitfghu frak ta' gebel b'mod li ma jhalluhx jorqod. Mitkellma mill-Puliizja, l-familja Curmi cahdu dan kollu u l-missier ddecieda li ma setghax jibqa' sejjer hekk, rapport wara l-iehor dwar affarijiet li ma kienux minnhom u li wara kollox kien l-imputat li kien qed jiffastidjahom meta wahhal CCTV camera fuq il-propjeta' tiegħu bil-vizvali taghha taghti ghal fuq il- propjeta' tal-familja Curmi. L-espert nominat mill-Qorti ezamina l-camera u r-registrazzjonijiet maghmula minnha u kkonferma li din hija mmirata ghal fuq il-proprjeta' tal-familja Curmi.

***Xhieda:***

8. Illi din il-kawza instemghet flimkien ma' kawza kontra l-familja Curmi u ghalhekk il-provi f'wahda kienu jghoddu ghall-ohra;

9. **PS 1127 Malcolm Pace** xehed li bħala pulizija kellhom diversi ilmenti mingħand is-sur Desira imorru saħansitra lura

mis-sena 2007. Huwa kien bagħat għas-sur Desira u qallu li kien ikun iffastidjat mill-familja Curmi . Fl-erbgħa ta' filgħodu kontinwament xi ħadd mill-familja Curmi jitla' fil-washroom u jagħtu diversi daqqiet bl-lasta ta' skweezer mal-ħajt bil-konsegwenza li jismagħhom minn ġewwa r-residenza tiegħu u minħabba f'hekk jispiċċa maħsub u jtellfulu r-raqda. Inoltre, dawn jaqbżu minn fuq il-bjut tal-ġirien u joqgħodu jissuttawh b'ġebel żgħir frak tal-ħobż u żrieragħ. Dawn ma joqgħodux bieb ma' bieb għax hemm dar oħra bejniethom. Huwa jirrakontalu xi ġrajjiet u li minħabba dawn l-affarijiet huwa spiċċa jsofri psikologikament u fiżikament minħabba li spiċċa jirreġistra u dan għax bil-lejl ma jorqodx u filgħodu jispiċċa għajjien. Ir-residenza tiegħu tinsab fi triq kwieta u fil-ħemda tal-lejl kull ħoss jispikka;

10. Meta kellem lil Emanuel Curmi dan qallu li huma bħala familja qatt ma taw fastidju lil ħadd, huma ma għandhomx kuntatt mas-sur Desira u ma għandhom ebda raġuni għaliex għandhom jaqbdu miegħu. Is-sur Curmi stqarr li l-Pulizija marret għandhom fuq ilmenti tas-sur Desira u li kien nnota li s-sur Desira għal snin twal kellu CCTV camera li tagħti għal propjeta' tagħhom. Huwa mar kemm għand is-sur Desira u kif ukoll għand is-sur Curmi u jgħid li biex aċċessa dan il-bejt fejn kien isib iż-żrar l-ewwel telgħu 26 tarġa u kif waslu f'dan it-terrazzin faċċata tiegħu hemm ħajt ta' għaxar filati mal-livell tal-aħħar tarġa u bejn il-proprjeta' tiegħu u l-ħitan jidher li huwa dobblu. Is-sur Curmi qallu li ma jistax jkun li s-Sur Desira jżomm CCTV camera fuqhom u jkompli b'dawn l-allegazzjonijiet dwar il-familja tiegħu. Meta kellem lis-sur Desira dan qallu li s-CCTV camera ma kienx ser jaqlagħha

għaliex dik hija bħala prova tiegħu kontra l-familja Curmi peress li kienu jaqbdu miegħu. Tah CD li meta rawh ross biss sabu u għalhekk tah CD oħra iżda ma leħqux jaħdmu fuqha. Ma kienx hemm żerriegħa fuq il-bejt, kien joqgħod ukoll iż-żurrieq u kien jagħmel l-istess ilmenti dwar il-ġirien tiegħu. Kontra l-familja Curmi qatt ma kien hemm rapporti qabel u hu jirraporta kull ġimgħa kważi dwarhom lil ispettur permezz tal-email u telefonati.

11. **Rita Mifsud u Mario Lapira** li huma ġirien  qalu li ma kellhom ebda problema kemm mas-sinjuri Curmi u anqas mas-sur Desira;

12. **Dr Martin Bajada** li tqabbad bħala espert rrelata li s-CCTV mwaħħla hija direzzjonata lejn proprjeta' oħra u mhux tas-sur Desira.  Inoltre, hemm xi lasta ta' xkupa qed tħabbat ma' pipe u għalhekk hemm il-ħsejjes żgur. Huwa preżenta relazzjoni li tinkludi stills. Id-dokumenti huma ta' snin li m'humiex relatati mal-imputazzjoni odjerna u inutli jieħu konnessjoni tagħhom. Inolre, s-CCTV footage la fih data u lanqas ħin, allura l-istills li hemm ma jistawx ikunu attribwiti għall-xi ġurnata partikolari;

13. **Lawrence Genuis** xehed li darba fost l-ohrjan kien preżenti għand is-sur Desira u xi ħadd  ħabbatlu taħbita kbira mal-bieb u x'ħin s-Sur Desira mar jiftaħ  ma sab lil ħadd u dan tal-ahhar kkonkluda li kien xi ħadd mis-sinjuri Curmi;

14. **Emanuel C**urmi xehed li s-sur Desira qed jipprova jitfa' dell ikrah fuq il-familja tiegħu. Hu jsostni li meta mar joqgħod

fit-triq tagħhom, is-sur Desira kellu diġa' dawn il-problemi, forsi xi ħadd lagħab xi skerz iżda huwa anke stiednu jmur għandu d-dar jdur kemm id-dar u l-bjut biex jieħu s-sodisfazzjon tiegħu. Huwa f'daqqa waħda sar jaf li qiegħed taħt sorveljanza kontinwa u dan għal iktar minn seba' snin u issa qed tinvolvi l-isfera privata tal-familja. Ma jafx kif ser tispiċċa din il-biċċa xogħol għax sar jaf li s-sur Desira għamel żewġ rapporti oħra. Huwa ma għandu assolutament xejn kontra s-sur Desira. Hu jarah forsi darba kull xahrejn,tliet xhur, u ma għandu ebda kuntatt miegħu. Ma jafx għaliex qabad mal-familja tiegħu u litteralment iffissa fuq il-familja. Ilu jgħix flimkien mal-familja tiegħu kważi tmintax-il sena f'din id-dar u hu qatt ma kellu akkużi simili jew inkwiet ma' ġirien. Fl-erbgħa ta' filgħodu hu u familja tiegħu reqdin ikunu u mhux jagħmlu l-hsejjes kif qed isostni hu;

15. **Mario Desira** qal li d-dokumenti li preżenta ma inftehmux u li hu jixtieq li ssir garanzija biex ma jkellmuhx u ma jiddisturbawhx. Sa dakinhar tas-seduta huwa reġa' sema' t-tisbit tal-iskweezer fl-4:00a.m. Huwa jissogra ħajtu biex jara s-CCTV u jimmoniterja dak li jkun qed jiġri. Mistoqsi mill-Qorti jekk qatt kellu inċidenti mas-sinjuri Curmi, hu jgħid li le iżda li dawn jwaddu l-ġebla u jaħbu idhom. It-triq hija waħda kwieta u huma storbjużi ħafna. Inkwantu jirrigwarda l-inċident li xehed fuqu s-sur Genuis, huwa jgħid li daqqet il-qanpiena u kien hemm tisbit kbir mal-bieb u li bilfors kienu huma għax id-dar tinsab f'nofs it-triq u lanqas superman ma kien ikollu ċ-ċans itir hekk. Huwa qiegħed fil-periklu li jitlef xogħolu jew li jbiegħ id-dar tiegħu at a loss. Jinsisti li l-mara u t-tifla ma jaħdmux u kuljum fl-erbgħa ta' filgħodu jsabbtu l-

iskweezer. Huwa ċert li dan hu ħoss ta' "skweezer" għaliex għandu l-esperjenza b'dawn il-każijiet ta' harassment u jagħraf il-ħoss. Huwa għex f'diversi postijiet ġewwa Malta u kważi dejjem sab din il-problema ma' ġirien differenti;

16. Quddiem l-ewwel Qorti, l-imputat preżenta dokumentazzjoni (Dok A-F ( mis-snin 2007-2015)) sħiħa tal-ilmenti tiegħu li saru minnu lil Pulizija li huwa ma jistax jorqod minħabba dan l-istorbju u li minħabba f'hekk kien ser ikollu ibiegħ id-dar u kien ser jitlef anke ix-xogħol. F'din id-dokumentazzjoni huwa jelenka fid-dettall dak kollu li jkun qed isir kemm fuq il-bejt tal-familja Curmi u kif ukoll fit-triq ta' fejn joqgħodu bir-ritratti b'kollox. Bażikament rendikont ta' kull ma jagħmlu, ad eżempju, kemm għandhom karozzi, x'ħin daħlu d-dar, sabtux il-bieba tal-karozza, jekk telgħux fuq il-bejt, ħarsux lejn il-bejt tiegħu, jixgħelux il-pompa tal-ilma, tkellmux jgħajtu u li allegatament poġġew iż-żibel tagħhom quddiem il-bieb tiegħu. Jirraporta ukoll inċidenti varji lil pulizija speċjalment dawk li għandhom x'jaqsmu ma' ħsejjes. Huwa jemmen li qed jagħmlu ħsejjes partikolari (jiddeskrivihom daqqa ta' skweezer) biex idejquh speċjalment f'dawk il-ħinijiet bikrin ta' filgħodu jew tard bil-lejl u qed jagħmlu dan biex ikissruh, infatti dawn il-ħsejjes qed jaffetwah ħafna;

17. Fuq il-bejt tiegħu kien bena struttura biex ma jidħlux il-qtates u jieklu l-ikel tal-qattus tiegħu iżda xi żmien wara huwa jsostni u jinsisti li żgur mhux bir-riħ xi ħadd mill-familja Curmi kissirha għax bil-mod kif inkissret, tkissret żgur minn persuna. Jirrakonta wkoll drabi fejn jew iċemplu l-bieb ta'

barra jew iħabbtulu iżda x'ħin imur jiftaħ ma jsib lil ħadd u li qed jagħmlu dan xi ħadd tal-familja Curmi għax kif inhi it-triq huwa mpossibbli li sakemm jiftah, min ikun ghamel hekk, ikun gera t-triq kollha biex jistahba;

Ikkunsidrat inoltre:

18. Illi kif ingħad supra, l-aggravji f'ċirkostanzi ta' nullita' tas-sentenza, issa jitqiesu bħala sottomissjonijiet u din il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina dawn is-sottomissjonijiet *seriatim.* Kwantu l-htiega li tkun prezentata kwerela sabiex tkun tista' tissokta kawza ta' din in-natura, igifieri ta' fastidju, anke jekk b'riptezzjoni tal-ewwel kunsiderazzjoni, ssir referenza ghas-sentenza taghha Il-Pulizija vs Daphne Caruana Galizia, Appell Numru 333/2012 fit- 30 ta' Ġunju, 2016 fejn kien ritenut hekk: "*Għar-reati imbagħad li huma ikkontemplati fil-Kodiċi Kriminali u cioe' dawk li jitkellmu dwar l-ingurja u il-fastidju, huwa biss fir-rigward tal-ingurja li jingħad illi: "Għall-inġurja ma jittieħed ebda proċediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża".* Kunsiderazzjonijiet ulterjuri ghalhekk ikunu inutili;

19. Fis-sustanza, l-Artikolu 251A (b) tal-Kap 9 kif vigenti fiz-zmien tar-rapport jigifieri qabel l-emendi hemm introdotti bl-Att XIII tas-sena 2018, , jipprovdi hekk:

**251A. (1) Persuna li ggib ruhha:**

**(a) b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra, u**

**(b) b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna,**

**tkun hatja ta' reat taht dan l-artikolu**

(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:

(a) l-imġiba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew
(b) l-imġiba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew
(ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġiba kienet waħda raġonevoli.

20. Fit-test Ingliż jintuza l-kliem: '*A person who pursues a course of conduct'* ma jħalli ebda dubju dwar id-decizjonijiet ta' din il-Qorti in rigward, illi ***a course of conduct*** huwa wieħed mill-elementi f'dan ir-reat. It-tifsira ta' 'fastidju' (bl-Ingliż 'harassment') huwa mfisser fil-Black's Law Dictionary (7th edition) bħala *'Words, conduct or action (usually repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose".*

21. Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx ikun ikkonsidrat 'in isolation' b'referenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma bilfors jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza "Il-Pulizija vs Omissis' (21 ta' Ġunju 2007):

'*f'każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' żmien.'*

22. L-appellant installa CCTV camera li tagħti għal proprjeta' tal-familja Curmi b'ebda permess minn naħa tagħhom u li b'mod kontinwu tirregistra f'kull hin tal-gurnata, kull jum matul is-sena il-vizwali tal-bejt taghhom li qed iżomm taħt skrutinju kull pass tas-sinjuri Curmi minghajr qatt ma dehru fil-filmati.

23. Dan ma kienx inċident iżolat, anzi CCTV camera kienet ilha mwaħħla seba' snin. Is-sur Desira kien jaf li qed jagħti fastidju lil familja Curmi tant illi kien irrifjuta illi jneħħi l-camera minn fejn kienet meta kellmuh l-pulizija.

24. L-appellant jinsisti li ma kienx qed joħloq biża' fil-ġirien tiegħu u għalhekk ma tammontax għal fastidju skont kif definit u ċitat aktar 'il fuq. F'dan ir-rigward is-sur Curmi fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti jixhed li mhux qed jieħu pjaċir li din il-camera qed tagħti għal fuq il-proprjeta' tiegħu. Ma jfissirx li għax is-Sur Curmi ma marx jagħmel rapport mill-ewwel allura ma kienx qed ikun iffastidjat bil-komportament tas-Sur Desira. Is-sur Curmi qal li huwa kien

ilu kważi tmintax –il sena jgħix hemm u qatt ma kellu inkwiet ma' ħadd u kien qed iżomm il- buon viċinat iżda hemm limitu għal kollox. L-istess xhud Rita Mifsud tgħid li meta kellhom xi festin il-familja Curmi bagħtulhom rigal biex jizkużaw ruħhom tal-istorbju mentri l-istess Mifsud ammettiet li ma kienet semgħet xejn mill-festin. L-azzjonijiet (rapporti lil Pulizija u CCTV camera li tagħti fuq il-proprjeta' tal-familja Curmi) tas-sur Desira huma diretti lejn familja speċifika ġol-Qrendi u huma konstanti u persistenti. Għalkemm s-sur Curmi fix-xhieda tiegħu ma jagħtix impressjoni li qed jibża' mis-sur Desira huwa stess jikkonferma li ma jridx CCTV camera li tagħti għal propjeta' tiegħu għax din qed tinvadi l-privatezza tal-familja tiegħu.

25. Għalhekk, din il-Qorti qed issib lill-imputat hati fl-artikolu 251A(1)(a) u (2) tal-Kodici Kriminali u wara li rat dawn l-artikoli u l-artikolu 18 tal-istess Kodici, bl-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat ieħor sa żmien sena (1) millum u bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda torbot lill-Mario Desira b'garanzija personali tiegħu nnifsu għaf-favur tal-familja Curmi (Christopher Curmi, Gabriella Curmi, Gina Maria Curmi u Emanuel Curmi) taħt penali ta' ħames mitt Ewro (€500) għal żmien sena millum. Inoltre, tordna lill-appellant jdawwar il-camera biex tħares lejn il-proprjeta' tiegħu u mhux lejn il-proprjeta' tal-familja Curmi u dan fi zmien gimgha mil-lum.